bħal dak ta' sittax-il sena ilu meta fisser illi skond il-fehma tiegħu, għaż-żmien twil li domna nitkellmu bil-Feniċ u Puniku, tqabblu maż-żmien qasir ta' 200 sena li damu hawnhekk il-Għarab, il-*fond* tal-Malti huwa iżjed Feniċ milli Għarbi, illi jiġifieri l-egħluq ta' dawn l-istudji ikun għallinqas jaqbel mal-prinċipji elementari ta' l-istess artikoli tiegħu, egħluq li jkun iżjed xjentifiku milli sentimentali.

* * *

*"Il-Ħajja ta' San Pawl"* — Imfassla minn S. Gatt fuq l-opra ta' P. Pawl Bottalla, S.J. — "Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù" — Sarrija, Floriana, Malta.

Din il-"Ħajja ta' San Pawl" meħuda minn fuq "La Storia della Vita e della Dottrina del Grande Apostolo S. Paolo" tal-Patri Ġeżwita Bottalla, kienet bdiet tidher fil-"Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù" u mbagħad inġabret fi ktieb ta' 144 faċċata. Imħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra, sew it-traduzzjoni kemm l-istampa ta' dan ix-xogħol kellhom igħaddu minn id għal oħra, u għalhekk, ħlief fil-karta, hemm xi tiżwiq f'dak li hu Malti u tipi.

Bħala Ħajja ta' San Pawl bil-Malti, dan il-ktieb huwa wieħed mill-aħjar għal idejn il-poplu. Il-ktieb jiftaħ b'Daħla, li, milli jidher, kitibha t-traduttur, u b'"Kelmtejn ta' Qabel lill-Qarrej" tal-Prof. P.P. Saydon li bihom fisser bi kriterju fin l-Appostolat ta' San Pawl, imnebbaħ mn'Alla, li hu xejn inqas minn dak ta' l-Appostli ta' Kristu. Il-Malti ta' dan il-ktieb huwa fil-biċċa l-kbira miktub bi stil mexxej, u naħseb li fuq hekk ma jagħmilx għajb lit-test oriġinali. Għal dik li hi ortografija, għażla ta' kliem u frażijiet, jisgħobbina ngħidu li ħtija tal-*fasla ewlenija* ta' l-ewwel id fit-traduzzjoni, li milli jidher ma setgħetx tissewwa mis-Sur Gatt, hemm xi għiltijiet 'l hawn u 'l hinn li jagħtu fil-għajn. Dnub li biċċa xogħol bħal din ma nħadmitx kollha hemm hi minn id waħda. Fl-aħħarnett ta' min jitħassar in-nuqqas ta' Werrej li juri t-taqsim tal-kapitoli, ħaġa li hija wisq meħtieġa għall-qarrej fl-Istorja tal-Ħajja ta' Qaddis li ġera u baħħar ma' nofs id-dinja tal-Ġnus pagani ta' dak iż-żmien, bħalma kien l-Appostlu San Pawl. B'danakollu aħna nifirħu lis-Sur S. Gatt, magħruf bħala wieħed mill-aħjar tradutturi tal-Malti ta' reqqa li ma bħalha għas-sabar li ħa biex itemm xogħol hekk imwiegħer u jgħin fil-ħarġa ta' dan il-ktieb ta' fejda u ta' ġid reliġjuż u letterarju.

# INWISSU

Il-gwerra li ninsabu fiha titlob fost dmirijiet oħra, li nagħmlu ekonomija tal-karta. Mill-aħħar numru ta' "IL-MALTI ma fadlilniex ħlief ftit kopji li qegħdin inżommuhom biex malli nkunu nistgħu nibagħtuhom lill-imseħbin ta' barra minn Malta. Fuq qalbna, għalhekk, ikollna nwissu lil dawk li huma lura fil-ħlas, li jekk ma jħallsux sa l-aħħar ta' Novembru li ġej, ma jkollhomx għalfejn jistennew li jaslilhom IL-MALTI ta' Diċembru. Mhux għaliex irridu nkunu qalbna iebsa ma' dawn il-ftit, iżda biex minflok ma niġbdu kopji iżjed u naħlu l-karta, inkunu nistgħu nagħtu l-kopji tagħhom lil min hu lest biex iħallas sehmu.

L-Amministrazzjoni.